## Diskors tal-Prof. SERAFIN M. ZARB, O.P., S.Th.M., S.Script.D., Dekan tal-Fakultà Anzjana ta' l-Università Rjali

HUWA ġieh u privileġġ kbir tiegħi illi dal-għodu hawnhekk jiena nilqa' lilkom ilkoll għal din iċ-ċerimonja solenni li fiha sa tingħata l-Medalja tad-Deheb ta' "Ġużè Muscat Azzopardi" lill-Wisq Reverendu Monsinjur Dun Pawl Galea.

Billi l-Viċi Kanċellier u r-Rettur Manjifiku huwa indispost, jiddispjaċih li ma jistax ikun hawn f'din l-okkażjoni memorabbli u din hija r-raġuni illi għaliha d-Dekan tal-Fakultà Anzjana ta' din l-Università Rjali ġie mitlub sabiex minfloku jilqa' lilkom dal-għodu.

L-Università Rjali ta' Malta, dan il-post tal-għerf, illi għal madwar tliet mitt sena tat lil din il-Gżira għażiża ta' Malta eżerċtu ta' nies kbar, thossha mkabbra biha nnifisha li l-lum qiegħda tieħu sehem f'din iċ-ċerimonja u li din iċ-ċerimonja qiegħda ssir fi ħdanha — ċerimonja li fiha huma magħrufa, imwettqa u mfaħħra l-merti hekk kbar ta' bosta persunaġġi msemmija għall-ħidma u studji tagħhom.

Din hija r-raba' ċerimonja ta' din ix-xorta; wara Monsinjur Dun Karm Psaila, is-Sur Anton Cremona, u t-Tabib Ġużè Galea, li għadu kif laħaq Tabib Prinċipali tal-Gvern, il-lum mess lil persunaġġ ieħor distint li hu l-Monsinjur Dun Pawl Galea, li għalih qiegħda ssir iċ-ċerimonja ta' din id-darba.

Ma għandix bżonn ngħidilkom minn qabel dak li oraturi oħra sa jgħidulkom bi kliem iżjed mirqum minn tiegħi dwar il-merti ta' Dun Pawl, li barra milli kien ħabib personali tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, kien wieħed mill-kollaboraturi kbar tiegħu fit-tixrid tal-Lsien Malti, b'mod partikulari ta' "Il-Ħabib", l-organu ta' l-"Unione Cattolica".

Jien, għalhekk, nagħlaq dawn l-erba' kelmiet tiegħi billi nagħti lill-Monsinjur Dun Pawl Galea il-ferħ ta' din l-Università Rjali għall-ġieħ li hu sthoqqlu tassew u billi nirringrazzja lilkom ilkoll li ġejtu biex tieħdu sehem f'din iċ-ċerimonja kbira u ta' importanza hekk għolja.

---



## Diskors tal-Kav. Dr. ĠUŻE' GALEA, M.B.E., M.D., D.P.H. President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"

IL-LUM aħna nġbarna hawn mhux biss biex nagħtu ġieh lil kittieb magħruf Malti, iżda wkoll lil ċittadin għaqli li għal aktar minn nofs seklu ħabrek u tħabat għall-ġid ta' pajjiżu u għal żewġ ħwejjeġ l-aktar għeżież f'pajjiżu, jiġifieri r-Reliġjon u l-Ilsien.

Monsinjur Dun Pawl Galea ħadem wisq fi żmienu u wettaq bosta ħidmiet fis-Seminarju, fil-Kurja ta' l-Isqof u fil-Parlament Malti. Ftit wara li ħa l-quddiesa, Dun Pawl mar jissokta jistudja Ruma f'wieħed mill-kulleġġi tal-qassisin, fejn ħa b'suċċess il-Lawrja fid-Dritt Kanoniku; imbagħad, wara li raġa' lura f'Malta, laħaq Rettur tas-Seminarju. Fi żmien Mons. Galea dak il-post ta' tagħlim għall-qassisin mexa 'l quddiem u kiseb fama bħala wieħed mill-aħjar kulleġġi ta' Malta. Is-Seminaristi taħt it-treġija u d-dixxiplina tar-Rettur Galea draw jistudjaw bil-għaqal u rabbew ħrara ġdida u ġibda qawwija lejn is-Seminarju tagħhom; tant għaddew 'il quddiem fil-għerf u t-tagħlim li huma kienu joħorġu ewlenin fl-eżamijiet pubbliċi u l-biċċa l-kbira minnhom kellhom karriera ta' l-aqwa ġieh u okkupaw postijiet għolja fl-amministrazzjoni tal-Knisja jew tal-Gvern. Wieħed fost dawk l-istudenti ixxurtjati hu Monsinjur Gonzi, l-Arċisqof maħbub tagħna.

Għall-merti tiegħu Monsinjur Galea mis-Seminarju kien magħżul biex imur il-Kurja ta' l-Isqof u baqa' hemm għal żmien twil u laħaq fl-ogħla karigi tal-Kurja, saħansitra ġie li għamilha ta' "Locum Tenens" ta' l-Isqof meta dan kien isiefer.

Kemm dam il-Kurja, Monsinjur Galea mexxa kollox bil-għaqal, bir-reqqa u bil-ħaqq, żamm dixxiplina kbira u daħħal sistemi ġodda fl-amministrazzjoni, sistemi li seħħu u li għadhom mexjin sal-lum. Billi kien jokkupa kariga mill-aktar għolja fil-Kurja, Monsinjur Galea kellu x'jaqsam ma' bosta Awtoritajiet Ċivili u Militari, u hu dejjem għaraf jimxi bil-ftehim u l-ħbiberija magħhom u żamm dik l-armonija bejn iż-żewġ Awtoritajiet, Ċivili u Ekkleżjastika li għoġbot dejjem lill-poplu Malti.

Mill-Kurja għall-ħajja pubblika hemm qabża żgħira u Monsinjur Galea ma qatax qalbu meta ħtieġlu jmidd għonqu għall-ħajja parlamentari. Għall-irġulija u għas-sodizza tiegħu Dun